Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' April 2026**
**(OR. en)**

**7901/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0135 (COD)**

**CODEC 584**
**COPEN 119**
**JAI 410**
**DROIPEN 60**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-3 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikoli 82(1)(d), 83(1) u 83(2) TFUE.

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' Ġunju 2023[2].

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Ottubru 2023[3].

4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fid-29 ta' Novembru 2023[4].

---

[1] 9241/23.
[2] https://www.edps.europa.eu/system/files/2023-06/23-06-28_combating_corruption_en.pdf
[3] ĠU C, C/2024/886, 6.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/886/oj.
[4] ĠU C, C/2024/1048, 9.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1048/oj.

5. Fis-26 ta' Marzu 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[5]. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill[6] japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 1/26, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss.

7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[5] 7632/26.

[6] F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.